**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 33 – IT-TLIETA, 14 TA' MARZU 2017 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti | | |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 32**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Robert Vella Bonnici ppropona li jiġu approvati l-minuti. Dr Frank Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti**

Is-Sur Alfred Mangion ilmenta fuq dawn li ġejjin:

2.1 Għandha tintbagħat reminder lil LESA rigward aktar infurzar fuq rimi ta' skart, speċjalment fi Triq Birkirkara quddiem Coral Flats.

2.2 Ġie innutat li ż-żzebra crossing fi Triq Birkirkara għadha ma ġietx mixgħula mill-Enemalta minkejja li ntbagħtu kull dokument mitlub. Għandha tintbagħat reminder lil Enemalta.

2.3 Intbagħtet il-PO għall-mera fi Triq Birkirkara faċċata ta' Triq il-Gallina. Kien hemm qbil ukoll li ssir wahda fi Triq il-Kuċċard faċċata ta' Triq id-Durrajsa.

2.4 Kaxxa bil-wires 3 phase mwaħħla mill-Enemalta għall-kuntrattur fi Triq il-Gallina suppost tkun fl-għoli jew ġewwa. Din qeda perikoluża. Iċ-Chairman tal-Enemalta ġie nfurmat biha.

2.5 Bus stop tneħħiet peress li nħareġ il-ħajt tal-boundary wall fi Triq Birkirkara Ġie innutat li bilkemm hemm minfejn jgħaddu l-karozzi aħseb u ara fejn toqgħod bus stop.

2.6 Ilmenta li għad hemm l-art imċappsa biż-żejt fejn ikun hemm il-heavy vehicles li qed jaħdmu fuq il-plot fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Gallina.

2.7 Hemm rampa fuq bankina fi Triq San Franġisk quddiem Garage 40.

2.8 Hemm xi tabelli ftit imdawwra u ftit mgħawwġin fi Triq Birkirkara.

2.9 Kien hemm diskussjoni rigward tabella (locality map) li ġiet imċaqilqa żewġ metri lura fi Triq Antonio Schembri. Is-Sur Alfred Mangion u Dr Frank Bartolo lmentaw fuq din. Ġie innutat li fil-laqgħa ta' qabel kien preżenti s-Sindku fejn flimkien maċ-Chairman tal-KAC infurmaw lill-kumitat li din it-tabella hija potenzjalment perikoluża u għandha tiċċaqlaq ftit lura biex tkun daharha mal-ħajt tal-ġnien. Is-Sur Alfred Mangion u Dr Frank Bartolo oġġezzjonaw għal dan u lmentaw li din it-tabella tpoġġiet fejn kienet b'deċiżjoni tal-KAC u s-Sindku m'għandux dritt ibiddel din id-deċiżjoni. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li tiċċaqlaq f'post iehor. Dr Frank Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

3.1 Iċ-Chairperson informa lill-kumitat li x-xogħol fuq il-bankina fi Triq Antonio Schembri tlesta u sar xogħol tajjeb ħafna.

## 4 Affarjiet oħra

4.1 Is-Sur Alfred Mangion ilmenta fuq :

4.1.1 Għadna ma ħadniex risposta minn TM rigward surfacing tat-Toroq Ġojjin u Fikus.

4.1.2 Ilmenta li fi Triq in-Naxxar, fil-parti t'isfel kien hemm reserved parking u tneħħa.

4.1.3 Hemm construction site li għandu No Parking antiki u l-kuntrattur ħalliehom hemm u għatta d-data.

4.1.4 Staqsa rigward ir-reserved parking fi Triq il-Ġojjin. Iċ-Chairperson infurmah li din għadha tintuża.

4.1.5 Ilmenta li għad hemm min qed iħalli rubbish bags f'diversi postijiet bħal Triq il-Battaljun, Triq in-Naxxar, Misraħ Lourdes u Misraħ Lewża. Ġie mfakkar (għal darb'oħra) li din hija issue ta' infurzar fejn ġie lmentat diversi drabi lil LESA.

4.2 Kien hemm qbil li tintbad l-istemma proposta tal-Kappara lis-Sur Salvatore Mousu ghal oppinjoni tieghu.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 11 ta' April 2017 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**

**Stefan Bonello Ghio**